

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2014 – ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-46/14)**

(2014/C 212/61)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: J-N. Louis, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annulament tad-deċiżjoni dwar it-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent fl-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni li tapplika d-DĠI l-ġodda relatati mal-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjoni tat-8 ta' Novembru 2013 dwar il-kalkolu tal-akkreditazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba qabel id-dħul tar-rikorrent fis-servizz tal-Kummissjoni;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Mejju 2014 – ZZ u ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-47/14)**

(2014/C 212/62)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ u ZZ (rappreżentant: S. Orlandi, avukat)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annulament tad-deċiżjonijiet dwar it-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrenti fl-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni li tapplika d-DGE ġodda dwar l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal u tikkundanna lill-Kummissjoni biex tagħti kumpens lir-rikorrenti għad-dannu li kkawżatilhom, minħabba l-ipproċessar tardiv tat-talbiet tagħhom għat-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tagħhom, li jirriżulta mill-applikazzjoni tad-DGE tal-Artikolu 11 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011 pjuttost milli dak tat-28 ta' April 2004;

Talbiet tar-rikorrenti

- jiddikkjara illegali u inapplikabbli l-Artikolu 9 tad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-eżekuzzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal;
- jannulla d-deċiżjonijiet tal-15 u tal-24 ta' Ottubru 2013 li jitolbu lura d-drittijiet għall-pensjoni miksuba mir-rikorrenti qabel id-dħul tagħhom fis-servizz, fil-kuntest tat-trasferiment tagħhom fl-iskema ta' pensjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, skont id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' eżekuzzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011;

- jikkundanna lill-Kummissjoni tipprovdi kumpens lir-rikorrenti għad-dannu li kkawżatilhom, minħabba l-ipproċessar tardiv tat-talbiet tagħhom għat-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tagħhom, li jirriżulta mill-applikazzjoni tad-DGE tal-Artikolu 11 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011 pjuttost milli dak tat-28 ta' April 2004;
 - jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
-